

# F'għeluq il-250 sena tal-kwadru titulari ta' Santa Elena

**Kwadri u Xbihat impittra ta' Santa Elena fi Knejjes u Mużewijiet f'Malta**

*Kitba ta' Philip Xuereb*

Din is-sena Birkirkara, fost affarijiet oħra, tfakkar ukoll il-250 sena mill-inawgurazzjoni fl-1763 tal-kwadru titulari imponenti tal-qaddisa patruna, fi knisja li kienet għadha ġdida, imma mhux mitmuma, għax fil-fatt kellhom jgħaddu mal-100 sena oħra biex il-knisja ta' Birkirkara tkun mitmuma.

Imma għalkemm il-parroċċa ta' Birkirkara hija l-unika waħda ddedikata lil din il-qaddis, u m'hawnx knejjes jew kappelli oħra ddedikati lilha, fil-gżira tagħna hawn diversi kwadri u xbihat impittrin tal-Qaddisa Imperatriċi, li saru matul dawn l-aħħar erba' sekli jew hekk.

**Fiż-Żejtun**

Forsi fost l-eqdem kwadri ta' Santa Elena li għadhom jeżistu f'pajjiżna u li jmur lura għas-seklu sbatax hu dak li jinsab fil-Knisja ta' Sant Anġlu fiż-Żejtun. Din il-knisja kienet inbniet min-nobbli u ex-ħakem tal-Kunsill Popolari jew Universitas tal-Maltin fl-Imdina, Girgor Bonici, fis-sena 1670. Girgor għalkemm kien imwieled l-Imdina fl-1612, kien joqgħod u kien ukoll benefattur kbir taż-Żejtun, speċjalment fir-rigward tal-bini tal-knisja parrokkjali preżenti. Iżda l-knisja ta' Sant' Anġlu, ħames snin wara li nbniet, ġiet rikonoxxuta bħala abbazija ta' ġuspatronat, jiġifieri propjetà tiegħu u tal-familja u d-dixxendenti tiegħu, kif għadha sal-lum. Fis-sena 1646 kien iżżewweġ lin-nobbli Elena Barbara fil-Birgu. U jidher li kien propju għall-qaddisa ta' isem martu, li kien iddedikat l-altar li hemm fin-naħa tax-xellug tal-knisja ta' Sant'Anġlu fiż-Żejtun.



**Kwadru Titulari f'Birkirkara**

Kronoloġikament imbagħad jiġu l-kwadru titulari preżenti ta' Francesco Zahra tal-Bażilka tagħna li kif diġà għidna, sar fl-1763 u l-abbozz presunt tiegħu li jinsab fil-Mużew tal-Katidral Metropolitan tal-Imdina. Iżda dwar dan nistieden lill-qarrejja jaraw il-ktieb tal-programm tal-festa ta' Santa Liena ta' din is-sena stess, maħruġ mill-Kolleġġjata, fejn hemm artiklu b'tagħrif eżawrijenti fuq dawn iż-żewġ kwadri.



**Fil-Belt Valletta**

Imbagħad hemm il-kwadru ta' Sant'Elena li llum jinsab fl-oratorju tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karita' fil-knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta. Dan huwa xogħol il-pittur Ermengildus Grech u hu ffirmat u jġib id-data 1782. Dawn jidhru fuq il-ġebla li fuqha qed isserraħ irkoppitha l-qaddisa. Il-pittur Ermengildus Grech kien attiv bejn is-snin 1781 u 1795. Huwa kien kappillan konventwali tal-Ordni ta' San Gwann u rettur tal-knisja llum magħrufa bħala tal-Vitorja qrib il-berġa ta' Kastilja fil-Belt Valletta stess.



F'dan il-kwadru, Sant Elena tidher għarkubbtejha f'att ta' qima u b'idha l-leminija merfugħa lejn is-Salib Imqaddes miżmum minn xi ħaddiema, wara l-miraklu li bih ingħaraf, rappreżentat mill-persuna fuq il-katalett fir-rokna t'isfel fuq ix-xellug.

Il-qaddisa murija liebsa regali u bil-mant bl-ermellin, iżda mhux bil-kuruna fuq rasha, kif x'aktarx tintwera meta jpittruha f'att ta' adorazzjoni. Iżda din merfugħa fuq kuxxin minn tfajjel ħdejha fir-rokna t'isfel tal-

lemin tal-kwadru, li qed iżomm ukoll l-imsiemer misjuba. Warajha jidher l-isqof ta' Ġerusalemm Makarju u xi persunaġġi oħra kif ukoll binja tonda fl-isfond, li forsi tirrappreżenta l-bażilka tas-Santu Sepulkru. Fuq nett il-figura tal-Ispirtu s-Santu taħt is-solita forma ta' ħamiema, li ta lill-qaddisa l-ispirazzjoni għal din is-sejba tal-għaġeb. Wieħed iħoss ċerti reminixxenzi tal-kwadru ta' żahra f'Birkirkara: it-tfajjel, għalkemm mhux bl-istess funzjoni jew tip ta' lbies; il-figura ta' Makarju; il-binja tonda fl-isfond, l-Ispirtu s-Santu fil-għoli; u fir-rokna nett fuq ix-xellug isfel, tidher ukoll ras ta' statwa miksura, allużjoni għat-tempju li kien imbena mill-Imperatur Adrijanu u twaqqa' biex jinstabu l-imkejjen imqaddsa.

Għal ħafna snin, dan il-kwadru kien tal-Fratellanza ta' Sant'Elena li kienet twaqqfet qrib is-sena 1610. Din kienet il-Fratellanza tal-ħaddiema u l-bejjiegħa tad-deheb - orefici, argentiera u inċisilatturi. Sant' Elena kienet il-patruna ta' din il-Fratellanza. Skond id-Diritto Municipale di Malta (1784) tal-Grammastru De Rohan dawk li kienu jsiru Mgħallmin ta' dawn is-snajja', qabel jiftħu ħanut għal rashom kellhom jiddepożitaw 13-il skud għand il-Konslu (ta' dawn is-snajja') li kienu jmorru mall-fondi tal-kappella ta' Sant'Elena. Huma kellhom josservaw jum il-festa tal-qaddisa bħala vakanza, bl-obbligu li la jaħdmu huma u anqas il-lavranti u l-apprentisti tagħhom, taħt piena ta' 10 uqijiet li wkoll kienu jmorru għall-imsemmija kappella ta' Santa Liena.

Din il-Fratellanza kienet attiva ħafna għal bosta snin meta fil-Belt Valletta kienu joqogħdu u jaħdmu ħafna ħaddiema tad-deheb u l-fidda. Iżda maż-żmien, minħabba n-nuqqas ta' fratelli u speċjalment wara t-tluq tal-Kavallieri ta' San Ġwann minn pajjiżna, din il-Fatellanza naqqset ħafna mill-attivitajiet tagħha. Kien fl-8 ta' Frar 1903 li din il-Fratellanza xoljiet u l-kappella u l-altar ta' Sant'Elena ġew ċeduti lill-Fratellanza tal-Madonna tal-Karita'.

**Kwadri laterali f'Birkirkara.**



Bejn wieħed u ieħor kontemporanji għall-kwadru tal-Belt għandhom ikunu ż-żewġ kwadri laterali fil-Kor tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara, li huma attribwiti lil Rokku Buhagiar. Wieħed juri l-miraklu biex jingħaraf is-Salib veru wara s-sejba. Il-qaddisa hawn murija fuq ix-xellug tal-kwadru, aktarx żagħżugħa bil-kuruna miftuħa fuq rasha u lbies aktarx voluminuż. Fuq in-naħa l-oħra, bilqiegħda fuq is-salib, il-mejjet li tqajjem mill-mewt għadu fil-kefen u warajh l-isqof Makarju u bejniethom jidhru xi nies oħra. Kollox qiegħed fuq l-isfond ta' rovini ta' arkitettura Rumana. Ta' min jgħid hawn li l-figura tar-risuxxitat hija fula maqsuma ma' waħda simili li l-pittur Taljan Andrea Sacchi (1599-1661) għandu fi kwadru li jirrappreżenta miraklu simili magħmul minn Sant'Antnin, u li jinsab fil-knisja ta' Santa Maria della Concezione tal-patrijiet Kapuċċini ta' Via Veneto f'Ruma.

Il-kwadru l-ieħor jirrappreżenta l-Konċilju ta' Niċea (325 A.D.) bil-preżenza ta' Sant'Elena u binha l-Imperatur Kostantinu l-Kbir fl-isfond, in-naħa ta' fuq tal-kwadru. Il-qaddisa mlibbsa bejn wieħed u ieħor bħal fil-kwadru pariġġ, waqt li Kostantinu mgeżwer fil-porpra Imperjali. Il-pożizzjoni tagħhom mhix daqshekk prominenti, għalkemm murijin jippresiedu d-diskussjoni fost dawk murijin in-naħa t'isfel tal-kwadru. L-iktar prominenti fuq podju bi tliet tarġiet hija l-figura tal-Papa, presumibilment Silvestru, muri bl-ilbies Pontifikali bit-trirenju b'kollox, u li hu għal darb'oħra fula maqsuma mal-istatwa ta' Urbanu VIII, magħmula minn Bernini (1598-1680) għal fuq il-qabar tal-imsemmi Papa fil-Bażilka ta' San Pietru, jew statwa oħra tal-istess Papa li tinsab fil-Palazzo dei Conservatori fuq il-Campidoglio f'Ruma wkoll.



**Kwadru ta' Michele Bellanti**

Imbagħad insibu kwadru ieħor żgħir li jinsab fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti fil-Belt Valletta. Dan hu xogħol Michele Bellanti (1807-1883) u juri s-sejba tas-Salib, impitter fl-1872 fid-daqqa romantiċista tal-arti lokali tal-epoka, aktarx imwaħħra ħdejn il-movimenti artistici tal-arti f' pajjiżi oħra dak iż- żmien. Madnollu hu kwadru ta' ċerta ħlewwa u oriġinalità fir-rappreżentazzjoni tal-istess suġġett f'pajjiżna, sa dak iż-żmien.



**L-Abside ta' Ġużeppi Calì f'Birkirkara**

Dik il-ħabta deher ukoll f'pajjiżna l-pittur Gużeppi Calì (1846-1930). Dan pitter il-figura ta' Santa Liena għallanqas tliet darbiet fi tliet knejjes differenti f'Malta. L-ewwel darba fl-1883 meta, bit-teknika solita tiegħu taż-żejt direttament fuq il-ġebla, pitter l-abside tal-Kolleġġjata Elenjana f'Birkirkara. It-tema hija: It-Trionf tas-Salib fuq l-Ereżija. ċerti sorsi jgħidu li kien ħa biss tmintax-il jum biex pitter din l-abside. Biss ħdejn il-firma tal-pittur li tinsab taħt il-figura tal-Ereżija, hemm ukoll id-data 1883 u Giorni 24 F.

Hawnhekk Calì ħalla l-motiv dekorattiv skultoreu indurat li kien u għad hemm fuq iċ-ċinta tas-sekond'ordni - xogħol tas-seklu tmintax. Dan joħroġ lejn iċ-ċentru tan-nofs skutella tal-apside u kważi jaqsam l-ispazju disponibbli fi tnejn. Għalhekk hu għaraf jaqsam in-narrattiva tal-opra mpittra f'żewġ taqsimiet. Ix-xena hi fis-smewwiet qalb is-sħab. Fit-taqsima fit-tarf tal-lemin, Santa Liena għar-rkupptejha liebsa regali, imma bil-kuruna ħdejn riġlejha, tqim is-salib, li hija kienet sabet, li qed jerfa' anġlu kbir imtajjar liebes l-aħmar, li miegħu hemm anġli-putti li wieħed minnhom għandu l-iskrizzjoni INRI.

Fit-taqsima l-oħra hemm żewġ anġli kbar imtajrin. Wieħed liebes roża, għandu f'idejh speċi ta' lanza u fl-istess ħin stendard jew bandalora ħamra bis-salib abjad u qed ikeċċi figura donnha ta' xitan, interpretata bħala l-ereżija , donnu qed jaqa' 'l isfel għal rasu. Ħdejn dan jidhru qed jaqgħu ukoll kotba (ħżiena?) u dik li donnha fjakkola marbuta b'katina. L-anġlu l-ieħor għandu f'idejh skrizzjoni bi kliem mill-ittra ta' San Pawl lill-Kolossin: Expolians Principatus et Potestates Traduxit Palam Confidenter Triumphans - Neżża' l-Prinċipati u s-Setgħat u għamel wirja minnhom quddiem id-dinja u kaxkarhom warajh fit-trionf. Ħdejn dan hemm anġlu-putto ieħor li qed inewwel xabla.

Fin-nofs tal-kompożizzjoni s-sħab bħal jinfetaħ u jidher is-sema ikħal fejn hemm l-ispirtu s-Santu li madwaru hemm dija kbira mdiehba li tasal fuq għadd ta' anġli jew spirti beati taħt forma ta' ilsna tan-nar. Dan joħloq rabta u bilanċ bejn iż-żewġ paritijiet mifrudin mill-anġlu u l-iskultura indurata u b'hekk l-artist irnexxielu jegħleb id-diffikultà li din l-abside kienet tippreżenta. Ta' min jgħid li din l-abside mpittra minn Calì baqgħet l-unika dekorazzjoni fil-korp ewlieni tal-knisja sal-1906 meta Virgino Monti kien tqabbad jagħmel id-dekorazzjoni bl-affresk fil-koppla u l-bqija tal-knisja. Monti ma ried bl-ebda mod iħassar din il-pittura ta' Calì biex il-knisja kollha tkun affreskata minnu. Mhux kif għamel ftit wara Attilio Palombi fil-knisja ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt. Anzi Monti kien wera ammirazzjoni għall-opra tal-pittur Malti.



**Abside oħra fi Stella Maris f'Tas-Sliema**

Abside oħra mpittra minn Ġużeppi Calì sitt snin wara fl-1889, din id-darba fil-knisja parrokkjali ta' Stella Maris. Din il-knisja kienet inbniet fl-1855 u ma damitx ma kellha titkabbar sa kif inhi llum fl-1877 u s-sena ta' wara inqatgħet parroċċa għaliha mill-matriċi ta' Santa Liena ta' Birkirkara. Hawn il-Madonna tidher tippresiedi fuq tron ta' sħab fiċ-ċentru tal-kompożizzjoni. Kewkba kbira tiddi fuqha fiċ-ċentru ta' speċi ta' gloria, imdawra bħal f'ċirku b'anġli-putti u kerubini.

Fuq il-lemin tal-Madonna hemm anġlu kbir bix-xabla misluta bħala difensur tal-knisja, rappreżentata mill-figura tal-Papa Ljun XII, il-Papa ta' dak iż-żmien, li għandu (qisu bħal f'Birkirkara) il-figura tal-ereżija u l-qerq mitfugħa ħdejn riġlejh. Fin-nofs hemm triq f'ambjent mudlam u perikoluż, iżda mdawwla bid-dija li nieżla mis-sema. Din it-triq twassal sa baħar kalm li fuqu hemm ġifen riesaq lejn il-port - għalhekk l-iStella Maris - kewkba tal-baħar - il-kewkba tan-navigazzjoni li twassal bis-Sliema, realment u metaforikament. Irridu nfakkru li l-isem Tas-Sliema ġej minn knisja żgħira tal-Madonna li kien hemm fil-Ponta ta' Dragut u li meta nbena l-forti Tigne inbniet mill-ġdid qrib fejn wara nbniet dik parrokkjali ta' Stella Maris. Jingħad li fl-imgħoddi l-baħħara kienu jsellmu lill-Madonna bis-Sliema huma u ħerġin jew deħlin mill-port ta' Marsamxett.

Fuq ix-xellug tal-Madonna, anġlu kbir ieħor idoqq tromba lejn in-naħa tiegħu tal-kompożizzjoni. Hawn tidher Santa Liena tħaddan is-Salib u magħha tliet figuri oħra li jirrapreżentaw presumibilment il-kontinenti Asja, Afrika u Amerika - il-ġnus li jħaddnu l-messaġġ tas-Salib.

**Santa Liena fil-Mellieħa**

Imbagħad fl-1898, Ġużeppi Calì għamel ukoll kwadru ta' Santa Liena għal fuq l-ewwel altar fuq ix-xellug tal-knisja parrokkjali tal-Mellieħa. Il-figura tal-qaddisa hawn tiddomina l-kompożizzjoni, għalkemm mhux bl-istess mod u sensibiltà tal-figura ta' Zahra fit-titular ta' Birkirkara. Mhix mara li qed tiftaħar bis-sejba tagħha imma aktarx meditattiva u dimessa fil-bixra tagħha. Dan ikompli jemfasizzah l-ilbies tagħha, li għalkemm xorta waħda rjali, u bil-kuruna fuq rasha, dawn huma aktar semplici, anke fil-kuluri magħżula. Is-Salib li qed iżżomm fuq ix-xellug mhux kbir, imma semplici, aktar bħala l-attribut tal-qaddisa.



Magħha hemm tfajjel li qed iżomm it-tabella INRI ta' fuq is-Salib. Dan jiġi intetpretat bħala binha Kostantinu. Biss għalkemm hawn Calì jagħti lil Elena bixra aktarx żgħażugħa, nafu li s-Salib sabitu qrib tmien ħajjitha, meta kienet kbira fl-età u meta binha Kostantinu ma kienx għadu tifel, u mhux biss kien kiber, iżda kien sar diġà Imperatur waħdieni ta' Ruma. Jista' jkun li dan mhux Kostantinu, imma li Calì ħa l-idea tat-tifel iżomm it-tabella INRI mit-titular ta' Birkirkara?

L-ambjent ukoll hu differenti. Mhux aktar it-tempju mġarraf u l-Anastasis iżda pajsaġġ intiż bħala orjentali, bis-siġar tal-palm u n-nies bil-ġmula li jidhru f'distanza fuq il-lemin. Fuq in-naħa l-oħra, bini jew rovini fuq xifer ta' għolja fil-bogħod u ħjiel ta' belt jew raħal aktar lil hinn. Fil-qrib l-art hi ħarxa u l-qaddisa qed turi b'idha tal-lemin il-post fejn saret is-sejba provvidenzjali.





**Iċ-ċiklu ta' Affreski ta' Virginio Monti**
Nerġgħu lura għal Birkirkara u għaċ-ċiklu pittoriku affreskat mill-Ġenzaniż, addottat Ruman, Virginio Monti. Bejn l-1906 u l-1910 dan iddekora l-koppla ewlenija, il-pendenti ta' taħtha u l-bqija kollu tat-tisqif tal-Kolleġġjata Elenjana, minbarra l-abside tal-kor li diġà tkellimna minnha. F'dan iċ-ċiklu l-figura ta' Sant'Elena tiffigura tmien darbiet. Fil-korsija fil-flieli maġenb it-tieqa l-kbira, murija ma' binha Kostantinu tfajjel, u tirċievi l-ispirazzjoni biex issib is-Salib. Qrib il-koppla mbagħad, ma' Kostantinu, issa Imperatur, fit-tħabbir tal-Editt ta' Milan fis-sena 313 A.D. u tiegħu dis-sena qed jitfakkar is-17-il ċentinarju.





Fl-abside tal-kappellun tal-Kurcifiss, Santa Elena murija mal-Isqof ta' Gerusalemm Makarju waqt it-tiftix u s-sejba tas-Salib Imqaddes. Fis-saqaf tal-istess kappellun narawha għar-rkubbtejha tqim is-Salib wara li dan ġie identifikat. Fis-saqaf tal-kappellun tar-Rużarju imbagħad, Monti pitter il-mewt tagħha. Waqt li fis-saqaf tal-kor murija fl-apoteosi jew it-tlugħ tagħha fis-sema.



Monti mbagħad jinkludi wkoll bi prominenza kbira l-figura ta' Sant' Elena fil-koppla Hawn, fuq is-suġġerimenti studjati tal-Kanonku Palermitan Salvatore di Pietro, studjuż tal-istorja tal-knisja u tal-Patristika, li kien tqabbad apposta mill-Kapitlu Elenjan biex jiżvolġi s-suġġett taċ-ċiklu tal-affreski, Monti pitter ix-xena tat-trijonf aħħari tas-Salib fil-ġudizzju Universali, tiġri b'mod kontinwu mat-tmien flieli li fihom imqassma l-iskutella tal-koppla. Il-figura ta' Santa Liena hawnhekk tinsab fil-felli li jiġi direttament fuq il-kappellun tal-Kurċifiss.

F'dan iċ-ċiklu ta' Monti l-figura ta' Santa Liena narawha f'aspett u fi stil differenti minn dak barokkeġġanti jew romantiċista li fihom rajna li kienet tkun rappreżentata hawn Malta bejn it-tieni nofs tas-seklu sbatax u l-aħħar tas-seklu dsatax. Sal-bidu tas-seklu għoxrin kienet saret ħafna riċerka storika u arkeoloġika, li kemm bosta artisti, mhux biss Taljani, inkluż Monti nnifsu, imma wkoll ħafna minn dawk li kellhom ċerta edukazzjoni, kienu konxji minnha. Għalhekk, Monti, bħal artisti oħra ta' ispirazzjoni klassiċista iffigura lil Sant'Elena, forsi xi ftit qabel iż-żmien li fih għexet, aktarx bħala reġina tal-epoka Biżantina.





Il-preokkupazzjoni klassiċista-arkeoloġika tidher ukoll f'ċerti oġġetti rappreżentati u f'ċerti elementi oħra bħall-arkitettura fl-isfond ta' ċerti xeni aktar milli tal-kwadratura li għandha influss rinaxximentali u barokk. Fil-fatt nistgħu ngħidu li Virginio Monti wera ċertu eklettiċiżmu fl-operat tiegħu f'Birkirkara, u bnadi oħra wkoll, għaliex f'dan iċ-ċiklu ta' affreski jinħass l-ispirtu tal-Art Nouveau jew Liberty, li kienu l-istili in voga lejn l-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin - Liberty ta' ispirazzjoni klassiċista.

**Fil-Knisja ta' San Girgor f'Tas-Sliema**

Aktar tard fis-seklu għoxrin, u fis-snin immedjati ta' qabel u wara t-tieni konflitt mondjali, insibu dik li nistgħu nsejħu l-aħħar raxxa ta' pitturi Taljani jaħdmu fi knejjes Maltin. Fost dawn Gian Battista Conti, Mario Caffaro Ror' u dak li jinteressana hawn, Eliodoro Coccoli. Huwa ma jitqiesx bħala avangardista fl-istil tiegħu, iżda kien għadu jħares lejn l-stili tar-revival tat-tieni nofs tas-seklu dsatax, kif ukoll il-liberty. Ix-xogħol ewlieni tiegħu hu s-saqaf tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat, kif ukoll fil-knisja parrokkjali ta' San Girgor f'Tas-Sliema. Tinterssana din tal-aħħar għax fiha pitter ix-xbieha ta' Santa Elena, fuq wieħed mill-altari tal-ġenb, dak li fuqu jinżamm is-Santissmu Sagrament.




Dan il-kwadru huwa speċi ta' trittiku, imma fl-istess ħin speċi ta' sacra conversazione, fl-istil neo-rinaxximentali, aktar milli neo-gotiku/romaniku bħalma huma x-xogħlijiet li għamel wara l-altar ewlieni, speċjalment il-Kristu fl-arzella tal-abside, u anke l-kurċifiss. Wieħed irid jgħid ukoll li dik il-ħabta, qabel il-Konċilju Vatikan II, u qabel id-dħul tal-istil modern wara t-Tieni Gwerra, f'Malta (u mhux f'Malta biss) kienet diġà qed tingħata orjentazzjoni lejn il-knisja bikrija, espressa hawn l-aktar fl-istil tal-bini ta' ċerti knejjes ta' ispirazzjoni romanika, u ċertament mhux klassikeġġanti jew barokkeġġanti.

Ix-xbieha ta' Santa Elena fil-knisja ta' San Girgor ta' Tas-Sliema qiegħda fuq il-lemin ta' min iħares fil-kompożizzjoni li semmejna. Fin-nofs hemm il-Madonna bilqiegħda fuq tron bil-Bambin f'ħoġorha. Fuq in-naħa l-oħra hemm Sant'Anjeże. Dik ta' Elena hija figura sempliċi u diretta, figura ħjeratika u misluta. Mara aktarx xwejħa, liebsa semplici għalkemm bil-kuruna miftuħa fuq rasha, u qed tħaddan magħha salib, is-simbolu per eċċellenza tagħha.

**Kwadru tal-Karkariż Ġużeppi Briffa**

Probabbilment, l-aħħar kwadru ta' Santa Liena li sar għal knisja f'Malta kien dak li għamel il-pittur Karkariż Ġuzeppi Briffa. Dan hu ffirmat u datat 1955 u kien sar għall-altar ewlieni tal-knisja tal-patrijiet Kapuċċini fil-Furjana meta din kienet reġgħet inbniet wara t-tiġrif li ssofriet fit-Tieni Gwerra Dinjija. Madankollu llum, wara t-tibdil li sar l-imsemmija knisja fid-dawl tal-liturġija l-ġdida tal-Konċilju Vatikan II, dan il-kwadru tneħħa nill-post li għalih kien sar u llum jinsab fil-mużew tal-kunvent.



Il-knisja hi ddedikata lis-Salib Imqaddes u għalhekk juri x-xena assoċjata mal-qaddisa, tas-sejba tas-Salib, kif interpretata minn Briffa, li issa kien laħaq il-maturità fl-istil tal-ħidma tiegħu, Il-kompożizzjoni hawn tersaq lejn dik tal-ikoni Biżantini ta' Santa Liena u Kostantinu bis-salib fin-nofs. Iżda hawn huwa l-Isqof Makarju li jieħu l-importanza minflok Kostantinu, li fl-istess kwadru hu rappreżentat bħala tfajjel jew ġuvnott fuq quddiem in-naħa ta' Makarju - meta kif għedna, fil-fatt meta S. Elena sabet is-Salib, Kostantinu kien adult matur u Imperatur.

Fuq il-lemin ta' min iħares, quddiem il-figura ta' Santa Liena, Briffa poġġa l-mara li magħha kien sar il-miraklu biex jingħaraf is-Salib. Dan hu ta' daqs ġmielu u miżmum minn raġel minn wara, waqt li hemm diversi figuri oħra fl-isfond. F'dan il-kwadru wkoll Santa Liena liebsa sempliċi, imma forsi ta' Karkariż li kien, Briffa ma naqasx li jagħmlilha fuq rasha l-kuruna imperjali magħluqa, reminixxenti ta' dik tal-kwadru titulari u tal-istatwa tal-qaddisa f'Birkirkara. Għalkemm il-qagħda tagħha b'mod ġenerali hi differenti, aktar riġida jew statika minn dik tat-titular ta' Birkirkara, il-pożizzjoni tal-idejn hi tista' tgħid identika.

F'dan il-kwadru tal-Kapuċċini tal-Furjana Briffa jdaħħal ukoll karatteristika rikorrenti f'xogħlijiet oħrajn tiegħu. F'dan il-każ hija dawk il-lanez li jidhru wara l-baklu ta' Makarju, u li jkomplu jagħtu lill-kompożizzjoni, aktar idea ta' profondità.